# INDRI FARRUGIA - IL-MEREMEW



***Għannej Mosti li għamel isem f'Malta u fl'Amerika***

***(1920 – 1977)***

Kitba ta' Peter Farrugia

*Għal min hu dilettant ta' l-għana, u hu ta' ċerta età, żgur li jiftakkru liz-ziju, magħruf bħala Indri tal-Mosta, jew Indri tal-Meremew, u żgur li għad baqa' ħafna 'żigarelli' minn tiegħu fid-djar tad-dilettanti ta' l-għana. Indri kellu vuċi maħluqa għall-għana u kif smajthom jitkellmu fuqu kemm il-darba, kellu l-vuċi "iżżoqqlok qalbek b'dak il-ksur" u għalkemm ma kienx jaf skola, kellu "ġenju ta' l-għaġeb għat-taqbil u l-poeżija".*

Indri twieled fil-5 ta' Novembru, 1920, minn Pietru Farrugia u Maddalena nee' Zammit. Kien it-tieni minn erba aħwa: Marija, Indri, Tonu u Ġużeppa, illum kollha mejtin. Minbarra l-laqam "Tal-Meremew" kellhom laqam ieħor "Tal-Ħaj".

Minn età żgħira, Indri kien diġa' juri l-kapaċità tiegħu fl-għana. Meta spiċċa mill-iskola, ta' 14-il sena, kien mar maz-zija Spira li kienet tqassam il-ħobż bil-ħmara. Iżda z-zija Spir ma' dametx ma' tagħtu s-sensja, għax minflok iqassam il-ħobż, kien jieqaf taħt xi ħajt u joqod jgħanni għax-xemx... u għal xi erba dilettanti. Postu ħadu ħuh Toni li f'dan iż-żmien kien qiegħed jistudja l-Accordion, imma dan ma' kienx imqareb bħal Indri u baqa maz-zija Spir għal żmien twil. Indri aktar ma' beda jikber aktar qalbu saret marbuta ma' l-għana, u sar magħruf mal-Mosta u ma' Malta. Kull fejn kien ikun jgħanni, aktarx ġol-ħwienet tat-te', il-post kien ikun imballat bin-nies jisimgħu lill-Indri l-Meremew jgħanni.



Meta waslet il-gwerra Malta, ġabruh suldat mar-Royal Malta Artillery, jew aħjar kif kienet magħrufa dak iż-żmien, l-RMA. Xogħolu kien li jispara l-kanun meta jkun ġej xi attakk mill-ajru minn naħa ta' l-għadu. Ġara li wara xi ftit taż-żmien, minħabba l-għaks li ġabet magħha l-gwerra, lis-suldati ma' tantx kienu jgħabbuhom bl-ikel. Imma Indri u sħabu deherilhom li magħhom kienu qegħdin jimxu ħażin iżejjed u għalhekk, darba minnhom ftiehmu biex fl-attak li kien imiss, bħala protesta ma jisparawx. U hekk ġara. Għalxejn il-Fizzjal beda jgħajjat "fire" għax il-kanuni baqgħu ma sparawx. Lill-Indri u sħabu għaddewhom "Court Martial". Qorti tas-servizz, u weħlu sena ħabs, li kien f'Ta Giorni. Ħuh Toni, li kif għidna kien ibiegħ il-ħobż, kien tistgħa tgħid imur kuljum jeħodlu xi ħaġa ta' l-ikel u xi żewġ ħobżiet. Indri ma' qagħadx lura milli jgħanni u jderri lill-sħabu fil-ħabs. Iżda dan il-ħabs Ta' Giorni kien intlaqat mill-bombi u għalkemm Indri ma' kien ġralu xejn, wieħed minn sħabu kien miet u Indri kien ħadha bi kbira wisq u għal ftit żmien kien waqaf milli jgħanni. Minn hawnhekk kienu ħaduhom ġo ħabs is-Salini... imma sa' fl-aħħar is-sentenza spiċċat.

Indri kien iżżewweġ lill-Ġola, bil-laqam "Ta Riegna" tfajla li kienet toqod fl-istess triq, meta l-gwerra kien għada fl-aqwa tagħha. Kellhom ħamest itfal, 3 subien u żewġt ibniet.

Wara l-gwerra kien daħal jaħdem mal-Gvern. Indri baqa jibbrilla fl-għana u għad-dilettanti ta' dak iż-żmien kien qisu xi Re. Kull fejn sejjer, kemm jekk il-Mosta, kemm jekk iż-Żejtun, jew aħjar, il-Qajjenza – il-mekka ta' l-għana, kien dejjem imdawwar bil-Mostin qaqoċċa miegħu, għax kif jgħidu, tgħidx kemm kienu mkabbrin bih.

Indri kellu zijuh jgħix l-Amerika. Darba minnhom, dan iz-ziju ġie vaganza Malta u lill-Indri ħajru jitla l-Amerika. Indri ma tantx kellu ħajra jħalli pajjiżu, għax il-Mosta u

l-festa ta' Santa Marija kienu għall-qalbu wisq. Iżda z-ziju baqa' jissikkah biex jitla, sakemm fl-aħħar Indri ddeċieda li jipprova xortih l-Amerika. Iżda l-Amerika ma setax jidħol, u l-ewwel kellu jagħmel xi żmien il-Kanada. Hemmhekk iltaqa ma' Toni Skalambja, għannej iehor mill-Mosta wkoll, u flimkien kienu jmorru jgħannu għal-Maltin tal-Kanada. Hawnhekk Indri ukoll għamel suċċess u meta wasal il-waqt li jmur l-Amerika, ħalla vojt kbir għad-dilettanti ta' l-għana li kienu jgħixu fil-Kanada. Biex seta jmur l-Amerika, kien għamillu l-garanti għannej ieħor kbir, in-Nammru. Indri u l-familja marru jgħixu Detroit. Meta f'Settembru tal-2004 jien mort Detroit mal-banda Nicolò Isouard, kelli l-opportunità li niltaqa mal-mara ta' Indri, Gola, li għada mimlija bl-għomor, u mat-tfal tiegħu kollha u mal-familji tagħhom. Tista tgħid li ħlief ma' Ġola u kuġina waħda, Madeline, kont għadni qatt ma' ltqajt u għalhekk issa kelli x-xorti niltaqa mal-bqija tal-familja.

Minn Detroit, Indri, n-Nammru, u xi għannejja oħra bdew jibgħatu 'ż-żigarelli' ta' l-għana lill-għannejja hawn Malta. Tnejn minn dawn l-għannejja kienu il-Bambinu u Żaren ta' Vestru, li kienu ħbieb kbar ta' Indri, u li kienu jibgħatu żigarelli bl-għana minn tagħhom minn hawn Malta lejn Detroit. B'hekk inħolqot katina bejn dawn l-għannejja kbar bejn Malta u Detroit u żammet ħajja din it-tradizzjoni u kultura Maltija. Indri u sħabu kienu wkoll iżommu kuntatt ma' sħabhom l-għannejja ġewwa l-Kanada, bħal Karmnu l-Pikipakk u Toni Skalambja, u mhux l-ewwel darba li qasmu l-fruntiera biex jgħannu flimkien.

Fis-sajf tal-1964 Indri kien ġie Malta għal-holiday. Intlaqa b'ferħ kbir minn sħabu l-għannejja Maltin u tistgħu taħsbu kemm serati ta' Għana kienu saru fil-ftit ġimgħat li Indri dam Malta. Lili kien ghamel minn kollox biex ittellagħni miegħu l-Amerika, iżda jien dejjem kelli l-ħsieb li mmur l-Awstralja, kif fil-fatt kont għamilt. Meta wasal iż-żmien biex jitlaq, inħasset dieqa kbira fost sħabu u biex juruh ir-rikonoxximent lejh, ħbiebu l-Bambinu u Żaren ta' Vestru kienu tawh tazza kbira biex iżommha bħala rikordju taż-żjara tiegħu f'Malta.

Lura f'Detroit Indri baqa għaddej bl-għana li tant kien iħobb. Iżda ftit snin wara, fl-età ta' 56 sena. Indri ħakmitu marda li ma setax ifieq minnha u fil-25 ta' Lulju, 1977, ruħu ttajret lejn is-sema. Indri ħalla din id-dinja, iżda l-ispirtu tiegħu għadu ħaj fil-memorji tad-dilettanti ta' l-għana u fil-qlub ta' sħabu l-għannejja kollha.


# FRANCESCO FENECH LTD

Terrazzo • Marmoresina • Marble
Granite • Cement Tiles
Ceramics & Paving Blocks

*Works & Offices:*

**Valletta Road, Mosta MST 09 - Malta**
**Tel: 21 434555 - 21 419054**
**Fax: 21 433517**